bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Alfred Mallia)
vs
Marie Louise Zarb,
bint Louis Henwood,
imwieleda Pieta'
fl-14 ta' awissu, 1963

Illum, 9 ta' jannar, 2001

Il-Qorti
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputata talli fil-Belt, Valletta fil-15 ta' mejju, 2000 għal ħabta ta' nofs in-nhar ikkommwttiet serq ta' 'mobile phone' tal-għamla Nokia li l-valur tiegħu hu ta' Lm120 għad-dannu ta' Sonia Spiteri mill-Kalkara, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fl-atti ta' din il-kawża fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' jannar, 2001 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-'mobile phone' ġie rotornat lil sidu.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' jannar, 2001 fejn l-imputata ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(g), 267, 268, 271, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.